VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,069, 12 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 325 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (d) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

4. Il-paragrafi (e) sa (k) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (d) sa (j).

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti li jagħżlu l-qasam ta' studju tal-Podiatry u li għandhom grad D minflok grad Ċ fis-suġġett mitlub fil-Livell Avvanzat indikat fil-paragrafu (i) tal-ordinament 3 jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għall-element nieqes. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena tal-Kors, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu għat-tieni sena kondizzjonalment kif normalment permess skont ir-Regolamenti Prinċipali."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) Il-Kors għall-oqsma li ġejjin għandu jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*, jew l-ekwivalenti ta' studju fuq bażi *part-time*: Applied Biomedical Science, Communication Therapy, Midwifery, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography.

(2) Il-Kors għall-oqsma tal-Applied Food and Nutritional Sciences, tal-Mental Health Nursing u tan-Nursing għandu jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time,* jew l-ekwivalenti ta' studju fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. Il-Grad jista' jingħata skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-ordinamenti f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju: Applied Biomedical Science, Applied Food and Nutritional Sciences, Communication Therapy, Mental Health Nursing, Midwifery, Nursing, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography jew f'xi qasam ieħor relatat max-Xjenzi tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. L-oqsma ta' studju offruti f'xi sena partikolari u l-mod rispettiv ta' attendenza, jkunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors."

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iż-Żieda tal-ordinament 18 tal-ordinamenti prinċipali

9. L-ordinament 18 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 17 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

18. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors."